MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 336/2000/1

**Isabelle Muscat xebba Sammut**

**vs**

**James Muscat**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet ghamlu c-cerimonja taz-zwieg bejniethom skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit mac-citazzjoni bhala Dok “A”.

Illi b’din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta’ zwieg u dan peress li l-istess kuntratt kien vizzjat kif previst mill-**artikolu 19 (1) tal-Kap 255** minhabba illi l-kunsens tal-konvenut simulat a tenur ta’ **subinciz 1 (f)** kif

ukoll peress illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u dan kif dispost fis-**sub-inciz (1) (d)**.

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghala din il-Qorti m'ghandiex:-

**1.** Tiddikjara li z-zwieg li suppost gie celebrat bejn il-kontendenti kif indikat fl-att taz-zwieg numru hu null u bla effett, u dan kif previst fl-**artkolu 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Bl-ispejjez ghall-kontroparti konvenuta, li qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 9 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjent jaqbel illi z-zwieg huwa null, izda m'hux ghal ragunjiet imputabbli lill-konvenut;

2. Illi in kwantu huma bazati fuq il-konvenut, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista ta' xhieda a fol 9 u 10 tal-process;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut a fol 10 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fil-25 ta' Lulju 1998, wara li diga' kellhom tifla mir-relazjoni taghhom;

Illi l-attrici rikonvenzjonata riedet tizzewweg sabiex tirregolarizza l-posizjoni tat-tifla hekk imwielda barra miz-zwieg;

Illi b'hekk il-kunsens tal-attrici rikonvenzjonata kien vizjat in kwantu kundizjonat u simulat;

Illi fil-fatt, wara biss sitt xhur miz-zwieg, l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali u bdiet relazzjoni ma ragel iehor, ma minn hija issa qeghda tghix;

Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255;**

Illi l-istess konvenut talab li ghalhekk l-attrici rikonvenzjonata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

i) Tiddikjara illi z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti, fil-25 ta' Lulju 1998, hu null u bla effett, u dan kif previst fl-**artikolu 19(1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255**.

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenzjonata li minn issa hi ngunta in subizjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol 12 tal-process.

Rat il-verbali tal-31 ta’ Ottubru 2000 fejn il-Qorti nnominat lill-Perit Legali Dr Tanya Sammut biex tigbor il-provi u tirrelata; tal-14 ta’ Frar 2001; tal-15 ta’ Gunju 2001; u tat-22 ta’ Novembru 2001.

Rat in-nota tal-attrici tas-7 ta’ Dicembru 2001 fejn prezentat affidavit taghha stess u t’ommha (fol 20 sa 28).

Rat il-verbali tat-13 ta’ Frar 2002; tal-14 ta’ Mejju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u Dr Tania Sammut halfet ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Tania Sammut minn fol 33 sa 94.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Gunju 2002 fejn id-difensuri rrimettew ruhhom ghar-rapport u l-kawza gie differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Jannar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi ddikjarat null u bla effett *stante* li qed issostni li l-istess zwieg kien vizzjat peress li l-kunsens tal-konvenut kellu difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali.

### A. PROVI

Illi l-**attrici** permezz ta’ affidavit taghha (mmarkat bhala Dok. “IM 1” mal-perizja) xehdet illi hija kienet iltaqghet ma’ James Muscat meta kellha erbatax-il (14) sena u l-konvenut kellu sbatax-il (17) sena. Hija tghid illi kemm-il darba kienu jhassru r-relazzjoni taghhom u jergghu jibdew johorgu flimkien minhabba l-fatt illi l-konvenut, James Muscat, kien jkun jrid jkollu relazzjonijiet intimi u sesswali maghha u hija kienet thoss illi kienet ghadha zghira wisq ghal tali relazzjoni. Pero’ imbaghad tkompli tixhed illi wara xi sena illi kienu bdew johorgu flimkien hija kienet accettat illi jkollha relazzjoni sesswali mieghu ghaliex kienet thoss illi ghandha tafdah peress illi l-konvenut kien jidher illi jaf x’kien qieghed jaghmel. Irrizulta pero’ illi l-attrici inqabbdet tqila u meta hija nfurmatu b’din il-gravidanza James Muscat innega illi dik it-tarbija setghet tkun tieghu u beda jghajjarha illi setghet kellha xi relazzjonijiet ohra ghajr dik ta’ bejniethom. Pero’ hija tixhed illi wara ftit taz-zmien il-konvenut kien ammetta maghha illi huwa ma’ kienx uza l-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex jevita din it-tqala. Isabelle Muscat tghid illi l-genituri taghha riedu jistitwixxu kawza kontra James Muscat peress illi hija kienet ghadha taht minuri pero’ hija tghid: *“Li kien*

*ghalija kont nizzewwgu dak in-nhar minhabba l-baby li kienet gejja."*

Illi Isabelle Muscat fl-affidavit taghha tixhed illi meta hija kienet inqabbdet tqila hija kull ma' kienet ilha tahdem kienu tlett (3) xhur biss u ghalhekk ma' kellhiex flus imgemma' u l-konvenut ma' kienx jghaddilha manteniment ghat-tarbija. Ghalhekk il-genituri taghha kienu jmantnu lilha u lit-tarbija kif jistghu. L-attrici tghid illi meta kienet wasslet fit-tmien (8) xhur tat-tqala hija kienet talbitu sabiex jghinha fix-xiri tal-hwejjeg u l-affariijet bzonnjuzi ghat-tarbija, pero' l-konvenut kien irrifjuta li jghinha u infatti hija kienet marret flimkien ma' ommha ghand is-sorijiet u sselfet kollox minn hemmhekk. Isabelle Muscat tixhed illi minkejja l-fatt illi hija kienet qeghda tirrejalizza kemm kien kattiv James Muscat xorta wahda kienet trid tibqa' mieghu minhabba t-tarbija.

Illi l-attrici tghid illi l-genituri ta' James Muscat ma' kienux ghenuha fit-trobbija tat-tifla u l-konvenut kien jmur jarha xi saghtejn kuljum fil-ghaxija. Hija tghid illi l-konvenut qatt ma' kien jtiha flus jew rigali ghaliha jew ghat-tifla anzi ghall-kuntrarju huwa kien jmur id-dar tal-genituri taghha kuljum biex jiekol u wara kien jibqa' hiereg mal-hbieb. Hija ssemmi ukoll illi kien hemm drabi fejn hija irrifjutat illi ddahhlu id-dar taghha ghaliex kien jkun fis-sakra. Hija tghid illi kienet tiddejjaq illi kien jmur jaraha tard fil-ghaxija meta kien seta' jmur jaraha f'xi hin iehor matul il-gurnata ghaliex huwa hafna drabi kien jitlaq kmieni jew jiskarta mix-xoghol. L-attrici tixhed dwar il-fatt illi l-konvenut kien jisthi juri lin-nies illi huwa kellu tarbija u ghalhekk tispjega illi ma' kienx jrid jidher fil-pubbliku maghha u mat-tarbija. Tghid illi ma kienx juri interess fit-tarbija u qatt ma' wrieha mhabba.

Illi Isabelle Muscat tghid illi nonostante il-fatt illi l-konvenut ma' kienx jagixxi tajjeb maghha u mat-tarbija, xorta ma reditx thassar ir-relazzjoni u tghid:-

*"Jien ma tlaqtux ghax dejjem kelli l-hsieb li xi darba ningabru jien, hu u t-tifla. Kont dejjem nixtieq li t-tifla tieghi jkollha familja b'missier bhal ma kellhom tfal ohra."*

Illi pero' meta t-tifla bdiet tikber hija bdiet tinduna b'dan l-agir ta' missierha u kienet tilmenta mal-attrici illi l-konvenut ma' kienx jkun jrid johrog maghhom u ma' kienx jixtrilha gugarelli. In oltre l-attrici tghid ukoll illi l-konvenut kien jmur jaraha meta t-tifla kienet rieqda.

Illi l-attrici tixhed illi meta kien qed joqrob il-precett tat-tifla hija bdiet thoss aktar il-htiega li tizzewweg lill-konvenut sabiex ghal dik l-okkazjoni it-tifla tidher li ghandha familja maghquda u normali bhal haddiehor. Ghal dan l-iskop huma bdew jfittxu post izda l-konvenut kien dejjem jsib xi skuza u ghalhekk hija kienet iddecidiet li tapplika f'isimha ghal post tal-Gvern ghaliex hasbet li ma' kienux ser jsibu post fejn joqghodu. Hija tghid illi meta kien qed joqrob it-tieg hija kienet ferhana ghaliex kienet tahseb illi r-relazzjoni taghhom kienet ser titranga u li kienet ser tghaqqad il-familja ghaliex il-konvenut kien jweghda illi kien ser jiehu hsiebhom u jmantnihom hu.

Illi fl-ewwel xahar taz-zwieg l-attrici tghid li kollox kien jidher miexi ward u zahar. L-inkwiet beda' meta giet biex tixtri l-ewwel xirja mill-paga tieghu ghaliex huwa dejjem kien jsostni illi ladarba x-xirja tkun saret minn flusu, hu kellu jkollu pussess fuq kemm kellhom jintefqu flus, fuq il-kwantita ta' ikel li kellu jinxtara u aktar u aktar kien jhoss li kellu aktar drittijiet fuqhom u bhala rizultat kellu  jiekol hu biss mill-provissti mixtrija akkost li jhalli lill-attrici u binthom bil-guh.  Konsegwentament rega' tfacca l-karattru egojist tieghu u ghalhekk rega' beda l-inkwiet bejniethom u l-konvenut kien jghajjarha u jaghmel xenati anke quddiem it-tifla. L-attrici tistqarr illi hija kienet u ghadha tbati minn kundizzjoni medika u cjoe' l-asthma u bl-inkwiet l-attakki bdew jizdiedu aktar. Hija tghid illi l-konvenut ma' kienx jhalliha tiekol ghaliex kien jghid illi x-xirja kien xtraha hu u kien jaghmel hafna xenati waqt il-hin tal-ikel, tant illi l-ikel kien jaghmillha hazin.  L-attrici tixhed ukoll dwar il-fatt illi zewgha kien vjolenti maghha u mat-tifla kemm gewwa d-dar u kif ukoll meta kienu jkunu fil-pubbliku u kien ukoll jirrabja jekk jarhom jaraw it-televizjoni fuq il-premessa illi t-televizjoni xtrah hu, pero' fl-istess waqt ma' kienx johrogha lit-tifla ghaliex fil-ghaxija kien johrog wahdu mal-hbieb.

Hija tkompli tghid illi meta kien jirritorna lura lejn id-dar huwa kien jkun hafna drabi fis-sakra u kien jew jsawwatha jew jkun jrid ta' bil-fors jkollu x'jaqsam sesswalment maghha. Minhabba l-agir tal-konvenut, l-attrici tghid illi kellha tibda tiehu l-kalmanti u kellha titlaq mid-dar konjugali. Hija tixhed illi l-"*konvenut qatt ma' wera responsabilita' ta' missier u li huwa kien ammetta maghha illi huwa kien harigha tqila sabiex jorbotha mieghu.*"

Illi fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2001, **l-attrici in kontro-ezami** tixhed illi waqt it-tmien (8) snin eghrusija l-kontendenti qatt ma' ghexu flimkien pero' kienu jaraw lil xulxin kwazi kuljum. L-attrici tixhed illi huma kienu jiggieldu ta' spiss dwar it-tifla ghaliex ma' kienx jaghti kasha, ma' kienx jmantniha u anke minhabba l-fatt illi l-konvenut ma' riedx jixtri dar matrimonjali. Waqt il-perijodi li ma' kienux johorgu flimkien wara xi glieda, l-attrici tixhed illi hija gieli harget ma' guvintur ohra. Hija tghid ukoll illi ma' tiftakarx ghaliex kienu ggieldu u hassru ftit xhur qabel id-data ffissata taz-zwieg taghhom, liema data giet posposta ghas-sena ta' wara. L-attrici tammetti illi hija zzewwget lill-konvenut sabiex it-tifla taghhom, Jessica, jkollha familja fiz-zwieg u fl-istess waqt tghid ukoll illi hija kienet waqfet thobb lill-istess konvenut meta kienet inqabdet tqila. Isabelle Muscat tixhed illi hija ma' kienetx telqet lill-konvenut minhabba t-tifla, pero' tghid ukoll illi kull darba illi l-kontendenti kienu jiggieldu, kien jkun il-konvenut illi jkun jrid jirranga u darba minnhom kien irrangalhom hu l-attrici u dan minhabba l-gid tat-tifla. L-attrici tghid ukoll illi kien hemm drabi fejn hija kienet tghid lill-konvenut illi ma' riedetx tizzewwgu u kien hemm drabi ohra fejn qaltlu illi riedet tizzewwgu minhabba t-tifla. L-attrici kienet ukoll tghidlu "*inti tridni minghajr ma' nhobbok u huwa ma' kien jirrispondini xejn*". L-attrici tinnega illi hija qeghda tirresjedi ma' Alfio Vassallo, ma' min hija bdiet relazzjoni tmien (8) xhur wara illi telqet mid-dar konjugali. Hija tixhed illi waqt l-erba' (4) xhur illi kienet damet tghix mal-konvenut hija kienet tmur izzur lill-ommha kuljum. L-attrici tixhed illi qabel ma' telqet mid-dar konjugali hija ma' kienetx kellmet lill-genituri tal-konvenut jew lill-Kappillan u meta telqet ma' ppruvatx terga' tirritorna lura lejn id-dar konjugali sabiex tirranga.

Illi **Elvira Sammut**, omm l-attrici permezz ta’ affidavit li qed jigi anness u mmarkat bhala Dok. “IM 2” tixhed illi meta Isabelle kienet qaltilhom illi kienet tqila hi u zewgha kienu xtaqu illi Isabelle u James jinghaqdu fiz-zwieg, pero’ tghid illi l-konvenut kien qal li kien ghadu zghir biex jiehu dan il-pass. Ix-xhud tghid illi l-konvenut ma’ kienx juri sens ta’ responsabilita’, ma’ kienx jmantni lit-tifla u lanqas ma’ kien jippartecipa fit-tqala jew fit-trobbija tat-tifla minuri Jessica. Ghalhekk hija tghid illi kienet hadet lil Isabelle ghand is-sorijiet sabiex jitolbu ghanjnuna minghandhom u dawn tawhom l-bzonnijiet tat-tarbija li kienet ghad trid titwieled. Elvira Sammut tghid ukoll illi l-konvenut kien jiddejjaq jidher fil-pubbliku ma’ Isabelle meta din kienet tqila jew meta kellha t-tarbija. Meta Jessica wasslet ghal precett, omm Isabelle tghid illi l-attrici bdiet tinkwieta ghaliex ma’ riedetx illi f’din il-gurnata it-tifla ma’ jkollhiex lil genituri taghha flimkien fiz-zwieg u *ghalhekk Isabelle riedet tizzewweg sabiex tigbor lit-tifla.* Hija ma’ kienetx taf bl-inkwiet li kellhom il-kontendenti waqt iz-zwieg pero’ tiftakar illi l-attrici kienet titlobha l-flus u kienet qed tbati aktar bl-istonku. Hija tiftakar illi ftit qabel ma’ telqet lill-konvenut Isabelle kienet qaltilha *“li kellha hafna dwejjaq u kellha aptit tintefa taht karozza.”* In oltre hija tghid ukoll illi t-tifla Jessica ma’ kienetx tkun trid tmur lura id-dar. Omm l-attrici saret taf bl-inkwiet tal-kontendenti meta Isabelle Muscat kienet marret ghandha bid-deni u din kienet qaltilha bis-sitwazzjoni kollha. Meta l-attrici telqet mid-dar bit-tifla hija marret tghix ghand ommha u din tixhed illi dawn kienu jidhru terrorizzati mill-konvenut ghaliex anke bil-lejl kienu jqumu jghajjtu ghax kienu ghadhom jibzghu mill-agir vjolenti tal-konvenut.

Illi oht l-attrici, **Claire Sammut** tixhed illi meta l-attrici bdiet tohrog mal-konvenut, hija kellha erba’ (4) snin pero’ xorta wahda tiftakar xi dettalji dwar ir-relazzjoni tal-kontendenti. Hija tghid illi meta l-attrici harget tqila, u cjoe’ meta l-attrici kellha hmistax-il sena u nofs, il-konvenut ma’ kienx jkun jrid jmur il-visti tat-tabib maghha u ghalhekk kienet tkun omm l-attrici illi kienet takkompanjaha. In oltre, ix-xhud issemmi wkoll l-fatt illi l-konvenut kien jirrifjuta illi jmantni lill-attrici u lit-tarbija. Claire Sammut tiftakar illi

f'okkazzjoni minnhom l-attrici flimkien ma' ommha u l-istess xhud kienu marru l-Istitut ta' Bormla sabiex jitolbuhom xi hwejjeg ghat-tarbija. Waqt l-eghrusija, ix-xhud tixhed illi hija gieli semghet lill-konvenut jghid illi kien jisthi jimxi barra fit-triq mal-attrici u mat-tarbija ghaliex kien jisthi min-nies. Hija tirreferi ukoll ghal dawk id-drabi fejn il-konvenut kien jmur id-dar tal-genituri taghha ghal habta tad-disgha u nofs ta' fil-ghaxija u kien jkun fis-sakra u l-attrici kienet tirrifjuta illi ddahhlu d-dar.

Illi meta zzewwgu l-kontendenti, Claire Sammut tixhed illi kellha hdax-il (11) sena u tghid illi fil-*week-end* kienet tmur toqghod mal-kontendenti. Fix-xhieda taghha, Claire Sammut tghid illi ma' jidhirx illi kien hemm problemi bejn il-kontendenti fl-ewwel xahar taz-zwieg, pero' wara dan il-perijodu, il-konvenut beda jagixxi b'mod aggressiv u cjoe' ma' kienx jhalli lit-tifla tixghel id-dawl tal-kamra taghha biex tilghab, ma' kienx jhalli lit-tarbija tiekol u kien jwarbilha l-platt minn quddiemha. In oltre, ix-xhud tghid ukoll illi l-kontendenti kien jkollhom hafna argumenti u l-attrici kienet tispicca ma' tiekolx. Ix-xhud tghid illi kien hemm okkazzjonijiet fejn l-attrici kienet titlob xi flus lil ommhom ghaliex kienet tghid illi l-konvenut ma' kienx jixtrilha l-bzonnijiet ta' kuljum. Oht l-attrici tghid ukoll illi l-konvenut kien johrog wahdu fil-ghaxija waqt iz-zwieg. Wara erba' xhur taz-zwieg, ix-xhud tixhed illi l-attrici kienet marret id-dar tal-genituri taghha u kienet qaltilhom illi kienet xebghet bl-affarijiet illi kien qed jaghmlilha l-konvenut u dakinhar l-attrici kienet tidher maghluba.

Illi l-konvenut, **James Muscat** fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2001 in subizzjoni jikkonferma illi huwa zzewweg lill-attrici meta t-tifla taghhom Jessica, kellha sitt (6) snin. Huwa jghid illi ma' kienx irrikonoxxa lit-tarbija qabel iz-zwieg ghaliex l-attrici qatt ma' kienet taghtu l-kunsens taghha. Jghid ukoll illi huma riedu jirrangaw din is-sitwazzjoni billi jizzewwgu. Wara xahar ta' zwieg, il-konvenut jghid illi l-attrici bdiet tarah zejjed f'kollox u kull darba illi kien jirritorna lura mix-xoghol huwa ma' kienx jsibha d-dar u kull meta kien jsaqsiha fejn kienet qeghda tkun hija kienet tghidlu illi ma' kienetx affari tieghu u kienet tibda issabbat u tghajjat mieghu. Il-konvenut jixhed illi l-attrici hafna

drabi kienet tghidlu illi kienet sejra ghand ommha pero' kien hemm drabi fejn kien jcempel u ma' kienetx tkun hemmhekk. Il-konvenut jghid ukoll illi gieli kien johrog mal-hbieb u/jew mal-familjari tieghu wara x-xoghol pero' ma' kienx jmur Paceville. Huwa jghid illi generalment fil-week-end, il-kontendenti kienu johorgu minghajr it-tifla ghaliex l-attrici hekk kienet tkun trid. Il-konvenut jixhed illi martu l-attrici kienet telqet mid-dar wara erba' xhur u nofs ta' zwieg u l-gurnata ta' qabel huma kienu f'hanut tax-xorb gewwa Paceville u kienu ggieldu u l-attrici kienet qaltlu illi 'l ghada kienet ser tmur toqghod ghand ommha u ma' kienetx ser tirritorna. *Il-konvenut jixhed illi kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg l-attrici kienet tghidlu illi hija zzewgitu minhabba t-tifla*. Il-konvenut jghid ukoll illi l-attrici qeghda tohrog u tikkoabita ma' certu Alfio Vassallo.

Illi fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2001, James Muscat jixhed illi sentejn wara illi bdew johorgu flimkien, l-attrici kienet harget tqila. Il-familja tal-attrici kienu tal-opinjoni illi hija kienet ghadha zghira biex tizzewweg u ghalhekk dawn xtaqu illi l-ewwel tixtri lit-tarbija, illi l-kontendenti jixtru post u mbaghad jizzewwgu. Kemm waqt it-tqala u kif ukoll wara t-tqala, il-konvenut jghid illi huwa u l-attrici kienu jargumentaw u kien hemm okkazzjonijiet fejn anke omm l-attrici ma' kienetx thallih jidhol id-dar taghha. Wara t-twelid tat-tifla, il-konvenut jixhed illi kienu ghamlu perijodu twil miggieldin u ma' jitkellmux u kieku ma' kienx ghalih kieku kienu jibqghu miggieldin. Il-konvenut jghid illi kemm l-attrici u kif ukoll ommha kienu kemm-il darba jhedduh illi ghad jara lill-bintu ma' ragel iehor u in fatti l-attrici kienet qaltlu, qabel iz-zwieg, illi hija ma' riedetx tnizzel kunjomu fic-certifikat tat-twelid tat-tifla sabiex ma' jkunx hemm problemi f'kaz illi hija tiddeciedi tizzewweg lil haddiehor. Il-konvenut jirreferi ghad-data tat-tieg illi kienu iffissaw sena qabel ma' kienu effettivament izzewwgu u jghid illi huma kienu geddew id-data tat-tieg wara argument zghir u kienu damu madwar tlett xhur ma' jitkellmux, pero' *fuq insistenza tieghu huma mbaghad iffissaw data ohra ghas-sena ta' wara* u cjoe' fil-25 ta' Lulju 1998. Il-konvenut jghid ukoll illi sena u nofs qabel ma' zzewwgu, l-attrici kienet qaltlu illi xtaqet illi fil-precet tat-tifla huma jkunu jidhru bhala familja pero' gara illi meta

wasal il-precet ahna konna diga' isseparajna. James Muscat jghid illi l-attrici izzewwgitu minhabba t-tifla u mhux ghax kienet thobbu kif kien fil-fatt jhobbha hu. In fatti jghid illi kull meta hassru r-relazzjoni taghhom dejjem hu kien jipprova jirranga. In kontro-ezami, l-istess konvenut jghid illi huwa kien irrikonoxxa lit-tifla legalment meta zzewweg lill-attrici. Dwar id-dar konjugali l-konvenut jixhed illi l-attrici kienet applikat ghal din id-dar mill-Awtorita' tad-Djar meta hija kienet xebba u wara z-zwieg kienu marru t-tnejn li huma sabiex jdawru l-post f'isimhom it-tnejn pero' wara ftit l-attrici kienet infurmat lill-istess Awtorita' illi ma' kienetx lesta illi taghmel dan minghajr ma' kienet avzat lill-konvenut.

Illi **Manuel Muscat**, missier James Muscat, prodott mill-konvenut, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2001 jixhed illi meta bdew johorgu flimkien il-kontendenti kienu ghadhom zghar, u cjoe' James Muscat kellu madwar sbatax-il sena u Isabelle kienet ftit izghar minnu. Ix-xhud jghid illi jiftakar illi ibnu l-konvenut kien infurmah illi kellhom intenzjoni jizzewwgu qabel ma' titwieled it-tarbija pero' ma' kienux ghadhom iffissaw id-data tat-tieg. Huma baqghu ma' zzewwgux sakemm it-tifla kellha sitt snin. Ix-xhud jghid illi kienu baqghu ma' zzewwgux ghax dejjem kienu jargumentaw u jikkonfema illi anke waqt it-tqala kellhom il-problemi. Meta twieldet it-tarbija, Isabelle baqghet tghix mal-genituri taghha u l-konvenut baqa' jghix mal-genituri tieghu u l-attrici kienet iggib lit-tarbija id-dar taghhom sabiex jarawha, pero' kull meta kienu jiggieldu hija ma' kienetx tersaq lejn id-dar. Huwa jghid illi James kien jhoss hafna meta ma' kienx jara lit-tarbija ghax kien 'attached' maghha. Missier il-konvenut jixhed illi l-kontendenti kienu jiggieldu ta' spiss u flimkien mal-konvenut kien gieli jmur id-dar tal-genituri tal-attrici sabiex jipprova jirranga r-relazzjoni taghhom. Huwa jghid illi *"James kien iffissat fuq Isabelle."* Huwa jghid ukoll illi meta kien jara dan l-inkwiet bejn il-kontendenti huwa kemm-il darba kien tah parir lill-konvenut sabiex jitlaqha lill-attrici pero' ibnu qatt ma' tah widen *"ghax kien mitluf fuqha u anke minhabba t-tifla."* Manuel Muscat jixhed illi darba minnhom qabel id-data tat-tieg huwa kien irrimarka illi z-zwieg ma' kienx jghodd ghalihom ghax kienu jiggieldu ta' spiss u l-attrici kienet

qaltlu "*mhux hu jrid jizzewweg*". Missier il-konvenut jixhed illi wara gimghatejn ta' zwieg, il-kontendenti regghu bdew jiggieldu bhal qabel u kienu jargumentaw fuq kollox. Huwa jghid illi wara li l-attrici telqet mid-dar konjugali kienet qatghet kull kuntatt maghhom.

Illi **Josephine Agius**, prodotta mill-konvenut, fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2001 tixhed illi hija tigi l-kugina tal-konvenut u taf lill-attrici ghax ommha toqghod vicin tal-genituri taghha. Hija tixhed illi kienet tinnota illi l-kontendenti kienu jiggieldu ta' spiss u dan tafu personalment ghax gieli kienu jiggieldu fil-presenza taghha stess. Josephine Agius tixhed illi meta kienu jargumentaw, l-attrici kienet taqbad twaddab xi affarijiet lejn il-konvenut. Tghid ukoll illi wara t-twelid tat-tifla, kien hemm okkazzjonijiet fejn semghet lill-konvenut jsemmi zwieg lill-attrici pero' l-attrici ma' kienetx turi interess. Din ix-xhud tkompli tghid illi l-attrici kienet qaltilha illi hija kienet issajjar dak li thobb hi u ma' kienetx taghti kaz dak li jhobb il-konvenut. Ix-xhud tghid illi mill-attitudni tal-konvenut jidher illi huwa kien ghadu jhobbha u li kull meta l-kontendenti kienu jiggieldu kien jkun hu li kien jaghmel l-ewwel pass biex jirranga maghha.

Illi **Harold Decelis**, prodott mill-konvenut, fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2001 jixhed illi James Muscat kien jiftah qalbu mieghu waqt illi kien johrog mal-attrici. Il-konvenut kien jghidlu illi Isabelle Muscat kienet tiggieled mieghu ta' spiss u biex tinkieh kienet tghidlu illi huwa ma' kienx missier it-tarbija. Meta l-konvenut kien jmur jibki ghand ix-xhud, huwa kien jghidlu biex jsib tfajla ohra peress illi kien jhoss illi "*l-attrici kienet qeghda taghmillu hsara kemm fizika u kif ukoll mentali pero' l-konvenut kien jibqa' jippersisti johrog maghha."* L-istess xhud jghid illi tant kemm kien jkun imdejjaq il-konvenut illi "*gieli qal illi ried jaghmel suwicidju."* Harold Decelis jiftakar illi waqt l-eghrusija tal-kontendenti, kien sema' lil Isabelle tghajjar lill-konvenut waqt glieda fil-pubbliku illi l-konvenut kien "barri bil-provi u kornut" u James ma' kienx irreaggixxa ghal dan il-kliem. Gimghatejn wara din l-okkazzjoni, l-attrici kienet infurmatu illi l-kontendenti kienu ser jizzewwgu u dan ix-xhud kien issuggerilha illi qabel

jizzewwgu jibdew jghixu flimkien, pero' din irrispondietu illi ma' kellhiex intenzjoni tpoggi.

Illi **Charles Bonello**, prodott mill-konvenut, habib ta' missier il-konvenut, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2001 jixhed illi huwa kien jaf lill-konvenut minn mindu kien tifel u sar jaf lill-attrici meta bdiet tohrog mieghu. Dan ix-xhud jixhed illi l-attrici wara li telqet mid-dar konjugali bdiet tghix ma' certu Alfio Vassallo pero' jghid illi ma' jaf xejn dwar iz-zwieg tal-kontendenti.

## B. <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI</u>

Illi l-kontendenti qeghdin jibbazaw t-talba taghhom ghall-annullament taz-zwieg fuq l-**artikolu 19 [1 (d) u (f)] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u f'dan l-isfond l-brava perit legali ghaddiet sabiex ezaminat n-nullita taz-zwieg *o meno* b'mod partikolari ghal paragrafi hawn fuq premessi.

- **<u>Difett serju ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga.</u>**

Illi l-istess perit legali sostniet li meta wiehed jezamina x-xhieda migbura fl-isfond tal-**artikolu 19 (1) (d)**, wiehed jirrealizza illi tohrog cara n-nullita' taz-zwieg u ghal dan l-iskop preliminarjament ezaminat l-ewwel parti ta' dan is-subinciz, u cjoe':

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha."*

Illi l-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss jrid jkollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrekjedi r-rabta taz-zwieg. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma' jkunx gie moghti bil-koxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu.

Illi skond l-istess perit legali x-xhieda kollha prodotti mill-konvenut jikkorraboraw il-fatt illi l-konvenut kien iffissat fuq l-attrici u ghalkemm din kienet turih illi hija ma' kienetx

thobbu huwa xorta wahda kien jibqa' jigri warajja sakemm jergghu jirrangaw. Certament dan l-agir tal-konvenut ma' jurix illi huwa persuna matura pero' fl-istess waqt huwa stess u kif ukoll ix-xhieda kollha prodotti minnu jikkonfermaw illi huwa kien ukoll jhobb hafna lit-tifla. Missier il-konvenut jghid illi l-konvenut kien jhoss hafna meta l-attrici ma' kienetx tehodlu t-tifla biex jaraha meta kienu jkunu miggieldin. L-attrici matul ix-xhieda taghha tammetti diversi drabi illi meta hija harget tqila hija waqfet thobb lill-konvenut u li hija zzewwgitu minhabba t-tifla. Insibu frazijiet bhal: "*li kien ghalija kont nizzewwgu dak in-nhar minhabba l-baby li kienet gejja;" "Jien ma tlaqtux ghax dejjem kelli l-hsieb li xi darba ningabru jien, hu u t-tifla. Kont dejjem nixtieq li t-tifla tieghi jkollha familja b'missier bhal ma kellhom tfal ohra."*

Illi meta wiehed jikkonsidra l-eta' zghira illi kienu jinsabu fiha l-kontendenti meta l-attrici harget tqila, u meta wiehed jinnota d-diversi argumenti u glied illi kien jkollhom il-kontendenti waqt it-tmien (8) snin eghrusija u l-fatt illi kull ma' damu erba' (4) xhur jghixu flimkien bhala mizzewwgin, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi mhux iz-zmien illi jaghmel relazzjoni soda izda l-maturita' tal-kontendenti fir-relazzjoni. Mix-xhieda prodotta mill-kontendenti johrog car illi l-kontendenti ma' kienux jikkomunikaw bejniethom, kienu jiggieldu ta' spiss, kienu jaghmlu perijodi twal ma' jkellmux lil xulxin u kien jkun biss il-konvenut, illi jinghad illi kien *"iffissat fuq l-attrici",* illi kien jkun irid dejjem jirranga. L-attrici tikkonferma illi kien dejjem jkun il-konvenut illi jkun jrid jirranga r-relazzjoni taghhom.

Illi Harold Decelis jixhed illi meta darba minnhom il-kontendenti kienu miggieldin, il-konvenut kien stqarr mieghu illi ried jaghmel suwicidju u mbaghad gimghatejn wara l-istess xhud gie nfurmat illi l-kontendenti kienu iffissaw id-data tat-tieg li ftit wara giet postposta minhabba glieda ohra.

Illi l-attitudni tal-attrici waqt l-eghrusija u kif ukoll wara z-zwieg juri illi hija ma' kienetx lesta ghaz-zwieg. Il-konvenut jghid illi kull meta kien jirritorna lura lejn id-dar

wara gurnata xoghol ma' kienx jsibha hemmhekk u l-attrici fix-xhieda taghha tikkonferma illi hija kienet tmur ghand ommha kuljum. Fil-*week-end* il-kontendenti kienu johorgu minghajr it-tifla ghax kienu jmorru Paceville u certament dan mhuwiex post adattat ghat-tfal. Minn naha l-ohra, il-konvenut ma' jinnegax il-fatt illi kien johrog mal-familjari u mal-hbieb fil-ghaxijiet.

Illi l-perit legali esprimiet l-opinjoni li l-fatt illi l-familjari u hbieb tal-kontendenti kienu jindahhlu fir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, juri illi l-kontendenti ma' kienux maturi bizzejjed biex jaffrontaw il-problemi fir-relazzjoni taghhom. Di fatti, insibu waqt il-gbir tal-provi illi kemm missier il-konvenut u kif ukoll hu l-attrici kienu ppruvaw kemm-il darba jitkellmu mal-attrici meta l-kontendenti kienu jkunu miggieldin u dan kollu kien dejjem jsir minhabba l-interessi tat-tifla.

- **<u>Simulazzjoni</u>**

Illi l-**Artikolu 19 (1) (f)** jipprovdi illi:

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet jkun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tal-att taz-zwieg."*

Illi f'dan l-artikolu l-ligi tirreferi ghal simulazzjoni totali u parzjali rispettivament. Fil-kaz ta' simulazzjoni parzjali, il-kontraent ma' jkunx qieghed jeskludi z-zwieg innifsu fit-totalita' tieghu pero' jkun qed jeskludi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu u b'hekk xorta wahda jrendi l-istess zwieg null. ***Francesco Bersini*** **(Il Diritto Canonico Matrimoniale)** jispjega:

*"Chi ad esempio intende un fine estrinsico al matrimonio in modo tale ad escludere con atto positivo di volonta' lo stesso matimonio, che per lui e' una pura formalita' vuota e senza senso."*

Illi fil-kaz in ezami, missier l-konvenut jixhed illi meta huwa kien irrimarka illi l-kontendenti ma' kienux lesti ghaz-zwieg, l-attrici kienet qaltlu "*mhux hu jrid jizzewweg*". L-

esponenti taghmel ukoll referenza ghax-xhieda tal-attrici stess meta tghid illi kemm il-darba kienet tghid lill-konvenut "*inti tridni minghajr ma' nhobbok u huwa ma' kien jirrispondini xejn*".

Illi l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni peritali fejn inghad li:

*"mix-xhieda moghtija mill-kontendenti jidher car illi l-uniku skop tal-attrici ghal dan iz-zwieg kien sabiex t-tifla taghhom, Jessica, jkollha familja u l-posizzjoni taghha tigi regolarizzata skond il-ligi. In fatti, l-konvenut jixhed illi jiftakar illi sena u nofs qabel id-data tat-tieg, l-attrici kienet qaltlu illi xtaqet illi fil-precet tat-tifla, huma jidhru bhala familja, filwaqt illi l-attrici diversi drabi matul x-xhieda taghha tixhed illi hija bdiet tahseb sabiex tizzewweg lill-konvenut ftit zmien qabel il-precett. L-esponenti tirreferi in oltre ghal fatt illi l-attrici waqt l-erba' xhur ta' zwieg, kienet irrifjutat illi ddawwar id-dar konjugali fuq isimhom it-tnejn, liema fatt jista' jigi interpretat illi l-attrici kienet diga' minn qabel ma' telqet tahsibha li titlaq mid-dar konjugali".*

*"Illi l-esponenti tikkonkludi illi ghal motivi fuq premessi, hija thoss li z-zwieg tal-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett a bazi tal-**Artikolu 19(1) d u (f)** fil-konfront taz-zewg kontendenti rispettivament".*

Illi din il- Qorti taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-perit legali. Infatti jidher car li l-partijiet bil-komportament taghhom waqt l-eghrusija twila taghhom u fil-ftit zmien li kienu mizzewgin, wrew li kellhom difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju min-naha taghhom fuq il-hajja mizzewga. Infatti l-kunsens taghhom ma kienx dirett li jghixu bhala familja pero' t-tnejn kellhom l-iskopijiet taghhom biex jizzewwgu.

Illi l-partijiet iltaqghu meta t-tnejn kienu zghar fl-eta' u l-attrici harget tqila waqt l-eghrusija. Peress li kienu ghadhom zghar ma zzewwgux u damu hafna f'din is-sitwazzjoni fejn hi kienet tghix ghand ommha bit-tifla u hu mal-genituri tieghu. Illi rrizulta li dawn diga' f'dan il-perjodu kien qed ikollhom hafna argumenti u problemi. Illi pero' nonstante dan meta t-tifla waslet biex taghmel il-pracett l-

attrici xtaqet li jizzewwgu biex it-tifla jkollha l-posizzjoni taghha regolarizzata. B'hekk iddecidew li kien ahjar fl-interess tat-tifla li jsir hekk – ghalkemm jinghad li erba' xhur biss wara li zzewwgu l-attrici telqet mid-dar u meta t-tifla ghamlet il-precett kienu diga' mifrudin. L-attrici stess ammettiet li hi kienet waqfet thobb lill-konvenut meta hija harget tqila.

Illi kif qalet tajjeb il-Perit Legali Dr. Tanya Sammut irrizulta li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom u peress li kienu jiggieldu spiss kienu jaghmlu perjodi twal ma jkellmux lil xulxin. L-attrici kkonfermat li kien dejjem il-konvenut li kien ikun irid jirranga r-relazzjoni taghhom. Infatti rrizulta li hu kien iffissat fuqha. Illi dan kollu juri nuqqas ta' maturita' kbira min-naha tat-tnejn ghax zgur li ma kienitx decizjoni li ttiehdet bil-gudizzju adegwat li suppost wiehed irid ikollu biex jizzewweg.

Illi hawnhekk issir referenza ghal dak li ntqal fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (P.A. (Q.K.) 7 ta' Lulju 1994) li tikkonferma li fil-kaz odjern l-elementi hemm imsemmija kienu mankanti. Il-Qorti kienet qalet:-

*"…illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubilita' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-*

*zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef"** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi mbaghad ghal dak li jirrigwarda l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg, dan ukoll irrizulta ampjament. Infatti huma zzewwgu bl-uniku skop li t-tifla jkollha familja u l-posizzjoni taghha regolarizzata skond il-ligi. Illi ma jidhirx li qatt effettivament kien hemm dik il-*"consortium vitae"* li hi krucjali f'dan il-kamp. Infatti l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vite"* tikkomprendi zewg elementi l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja. Infatti fis-sentenza **"Magri vs Magri"** (14/7/94) intqal:-

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Illi din il-Qorti kellha diversi drabi okkazzjoni sabiex tidhol fid-dettal fl-**artikoli 19 (1) (d) u (f)** li huma mertu tal-kawza odjerna. Illi a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghas-sentenza **"Ahmed Al Halel vs Karen Portelli"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 – Citaz. Numru: 134/00/RCP) u abbazi tal-istess gurisprudenza w awturi hemm ikkwotati tasal ghall-konkluzjoni li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti kien vizzjat *ai termini* ta' l-**artikoli 19(1) (d) u (f)** minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg nahat.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu biss huma nkompatibbli ma' dak fuq premess u deciz, **tilqa' t-talba attrici u t-talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu,** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fil-25 ta' Lulju 1998 huwa null u bla

effett fil-Ligi u dan *ai termini* **tal-artikolu 19(1) (d) u (f) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha tal-kawza u tal-kontro-talba jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet *stante* li t-tnejn kienu responsabbli ghal tali annullament taz-zwieg hawn dikjarat.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**